MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 87/1999/2

**Joseph Xuereb, Maria Borg, Loreta Azzopardi u b'nota tat-8 ta' Ottubru 1999, Loreta Azzopardi qed iccedi l-kawza minghajr pregudizzju ghall-kawza kif imnedija mill-atturi l-ohra f'dak li jirrigwardja lilha fil-konfront tal-konvenuti kollha**

**v.**

**Eugenia Buttigieg u Carmelo Buttigieg li b'digriet tat-13 ta' Mejju 1999 gie mahtur kuratur deputat biex jirraprezenta lill-imsiefra Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg, u b'digriet tat-28 ta' Mejju 2002 gew kjamati fil-kawza Nazzareno Xuereb, David Xuereb,**

**Stephen Xuereb li jghix fl-esteru u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2002 l-Avukat Dr. Chris Said gie nominat kuratur Deputat sabiex jirraprezenta lil Stephen Xuereb fl-atti tac-citazzjoni peress illi jinsab imsiefer; u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2008 Dr. Mark Busuttil gie nominat biex jissostitwixxi lill-Avukat (illum Segretarju Parlamentari) Dott. Chris Said noe, u Loreta Azzopardi**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-atturi Joseph Xuereb u Maria Borg, li permezz tieghu qed jitolbu lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellati.

**2.** Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :

"Illi l-genituri tal-kontendenti, mietu kwantu ghal missier Wenzu Xuereb fis-sitta ta' Lulju tal-elf disa' mija u sebgha u tmenin (6/7/1987) u kwantu ghall-omm Carmela Xuereb fid-dsatax ta' Frar tal-elf disa' mija u disgha u disghin (19/2/1999).

"Illi Wenzu Xuereb irregola s-successjoni tieghu permezz ta' zewg testmenti wiehed datat il-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u sebghin (1971) in atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi, u iehor tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) in atti tan-Nutar Michael Refalo, liema testment hu ghamel *unica charta* flimkien ma' martu, filwaqt illi martu apparti dawn it-testmenti fuq imsemmija ghamlet testment

in atti tan-Nutar Michael Refalo datat l-erbatax (14) ta' Mejju tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991).

"Illi permezz ta' dawn it-testmenti l-kontendenti gew istitwiti werrieta universali flimkien ma' huthom ohra. Fl-istess testment t-testaturi innominaw lil xulxin bhala uzufruttwari reciproci ta' xulxin. B'dan illi ghalhekk l-uzufrutt godenti minn Carmela Xuereb tal-beni kollha ta' zewgha spicca mal-mewt taghha.

"Illi permezz tat-testment tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg giet imhollija permezz ta' prelegat id-dar b'garaxx maghha, illi jisimha 'Xuereb House' fi triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex bl-oggetti kollha mobbli '*a limine intus*' inkluzi ghalhekk oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus kontanti. Illi dan il-legat gie imholli bil-kundizzjoni espressa illi l-imsemmija Filomena Buttigieg kellha tibqa' tirrendi liz-zewg testaturi dawk is-servigi, kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom.

"Illi din il-kundizzjoni ma gietx mwettqa minn l-imsemmija Filomena Buttigieg illi snin ilu emigrat lejn l-Amerika u qatghet kull kuntatt mal-genituri taghha, u ghalhekk hi ma setghet qatt tibbenifika minn dak il-legat, kif jigi pruvat aktar fid-dettal waqt is-smiegh tal-kawza.

"Illi wara dan kollu b'testment iehor illi sar in atti tan-Nutar Michael Refalo fl-erbatax (14) ta' Mejju tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), Carmela Xuereb bidlet dak il-legat u ordnat illi dak il-fond wara mewtha jigi dispost diversament.

"Illi l-intimata Phillis Buttigieg illi qatt ma setghet ibbenifikat minn dak il-legat mholli lilha minn missierha (peress illi dik il-parti illi tikkoncerna l-ommha giet mibdula) ghal dik ir-raguni fuq imsemmjija, bieghet in-nofs indiviz tal-fond 'Xuereb House' fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, meta dan in-nofs indiviz qatt ma sar taghha stante illi l-kundizzjoni stipulata ma twettqitx, u ghalhekk dan in-nofs indiviz vesta f'idejn l-eredi kollha illi l-atturi huma tlieta minnhom.

"Illi madankollu l-imsemmija Filomena Buttigieg assenjat dan in-nofs indiviz ta' dan il-fond b'titolu ta' permuta lil konvenuta l-ohra Eugenia mart Carmelo Buttigieg nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), b'kuntratt in atti tan-Nutar Michael Refalo liema trasferiment qatt ma setgha sar stante illi dik il-proprjeta` qatt ma kienet taghha.

"Illi dan il-kuntratt sar bi pregudizzju ghal jeddijiet tal-atturi in kwantu kif jigi dettaljatament pruvat waqt il-kors tal-kawza l-istess nofs indiviz tal-proprjeta` llum tappartjeni lill-istess atturi fi kwoti ta' wiehed minn tmienja ($^{1}/_{8}$) kull wiehed u l-konvenuta Filomenta Buttigieg qatt ma setghet tittrasferixxi din l-art, stante li qatt ma kienet proprjetarja ta' din l-art.

"Illi ghalhekk l-imsemmi kuntratt ta' permuta tal-erbatax (14) ta' Mejju tal-elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), huwa null in kwantu jirrigwarda dik il-proprjeta` fil-kwoti indikati u ma jaghmilx stat fil-konfront tal-atturi f'dak ir-rigward.

"Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. Fl-ewwel lok tiddikjara illi l-kundizzjoni li ghalih kien soggett il-prelegat imholli minn Wenzu Xuereb permezz tat-testment tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), lil Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg u cioe` in-nofs indiviz tad-dar b'*garage* maghha, illi jisimha 'Xuereb House' fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex bl-oggetti kollha mobbli '*limine intus*' inkluzi ghalhekk oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus kontanti, ma gietx imwettqa minn Filomena Buttigieg (kif spjegat fil-premessi) u ghalhekk l-imsemmija konvenuta Filomena Buttigieg ma setghet qatt tibbenifika minn dak il-prelegat, li konsegwentwement vesta f'idejn l-eredi.

“2. konsegwentement tiddikjara illi dak in-nofs indiviz illum jappartjeni lil atturi fi kwota ta’ wiehed minn tmienja kull wiehed.

“3. tiddikjara illi l-konvenuta Filomena Buttigieg qatt ma kellha jedd fuq dak in-nofs indiviz tad-dar imsemmija.

“4. Konsegwentement tiddikjara illi l-kuntratt ta’ permuta fl-atti tan-Nutar Dr. Michael Refalo tal-erbatax (14) ta’ Mejju tal-elf disa’ mija u wiehed u disghin (1991), fuq imsemmi ma jaghti lil konvenuta Eugenia Buttigieg l-ebda dritt fuq in-nofs indiviz tal-fond imsemmi, stante li sar bi pregudizzju ghal jeddijiet tal-atturi s-sidien ta’ dak in-nofs indiviz fi kwoti ta’ wiehed minn tmienja kull wiehed u ghalhekk huwa null u minghajr effett legali in kwantu jikkoncerna dik il-porzjon indiviz fuq imsemmi.

“5. tikkundanna lilek konvenuta Eugenia Buttigieg sabiex ghalhekk thalli a libera dispozizzjoni tan-nofs indiviz fi kwoti ta’ wiehed minn tmienja ghal kull attur, tal-fond ‘Xuereb House’ fi triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex bl-oggetti kollha mobbli ta’ go fih.

“Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju prezentat fil-11 ta’ Mejju, 1999, u bl-ingunzjoni minn issa ghas-subizzjoni tal-konvenuti kollha.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Joseph Xuereb.

“Rat in-Nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew illi:

“1. Illi in linea preliminari, dan il-gudizzju mhux integru, trattandosi minn dispozizzjonijiet testamentarji u kwistjonijiet li jinvolvu l-wirt u successjoni ta’ Lorenzo u Carmela Xuereb minghajr ma huma prezenti f’dan il-gudizzju l-werrieta kollha tal-konjugi xuereb. Ghaldaqstant l-esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

"2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi u dan ghaliex fl-ewwel lok il-legat imholli lil Filomena Buttigieg ma giex assoggettat ghal xi kondizzjoni simili ghal dik indikata mill-atturi fic-citazzjoni taghhom. Tant illi t-tieni Artikolu tat-testment fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tat-tnejn (2) ta' Gunju 1987 ma jirreferi ghal ebda '*kondizzjoni*' izda jsemmi biss '*patt*'. F'ghajnejn il-ligi patt ghandu portata ferm differenti minn kundizzjoni, u n-nuqqas ta' osservanza ta' patt (anke jekk ghall-grazzja tal-argument fil-fatt tezisti xi ksur tal-patt – haga li qeghda tigi kontestata mill-eccipjenti), il-konsegwenza ma tista' qatt tkun id-dekadenza mil-legat.

"3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi Filomena Buttigieg kisret il-patt impost minn missierha sabiex hija tkun tista' tibbenefika mil-legat imholli lilha minnu, u dan ghar-rigunijiet spjegat ahjar u f'aktar dettal fid-dikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti din in-nota.

"4. Illi ghall-istess ragunijiet fattwali, tirrizulta cara u inkontrovertibbli l-intenzjoni tal-omm Carmela Xuereb li tezenta lil bintha Filomena Buttigieg mill-patt imsemmi fit-testment unika karta.

"5. Illi, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjonijiet tal-atturi huma llum kolpiti bil-preskrizzjoni decennali akkwizittiva, stante illi Filomena Buttigieg, u warajha Eugenia Buttigieg ilhom fil-pussess pacifiku, *animo domini*, pubbliku, mhux ambigwu, u mhux interrott tal-oggetti imholli b'legat mill-missier Lorenzo Xuereb illi sehhet fis-sitta (6) ta' Lulju elf disa' mija sebgha u tmenin (1987).

"6. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u t-tielet talbiet tal-atturi, kif formulati ma jistghu qatt jigu milqugha ghaliex mhux veru illi n-nofs indiviz gia` appartenenti lil Lorenzo Xuereb illum jappartjeni lill-atturi fi kwoti ta' wiehed minn tmienja ($^1/_8$) kull wiehed. Lorenzo Xuereb kellu tmint ulied, u skond it-

testment tieghu fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tal-hmistax (15) ta’ Novembru elf disa’ mija wiehed u sebghin, huwa nnomina bhala eredi tieghu lit-tmien uliedu kollha. L-atturi huma biss tlieta minn dawn it-tmienja u ghalhekk ma jista’ jkun qatt illi n-nofs gia appartenenti lil missierhom illum jappartjeni lilhom biss. Ghall-istess raguni t-tielet talba ma ghandhiex u ma tistax tigi milqugha ghaliex l-atturi ma jistghu qatt ikunu titolari tan-nofs indiviz kollu gia` appartenenti lil missierhom u kwindi jonqos fihom l-interess guridiku necessarju sabiex jimpunjaw il-kuntratt ta’ permuta in kwantu jirrigwarda l-hames ottavi tan-nofs indiviz illi eventwalment ikunu jispettaw lill-istess konvenuti u lit-tlett ahwa l-ohra.

“7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti mahlufa minn Carmelo Buttigieg.

“Rat in-nota tal-attrici Loreta Azzopardi tat-8 ta' Ottubru 1999 fejn cediet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti, minghajr pregudizzju ghall-kawza mnedija mill-atturi l-ohra.

“Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Mejju 2002, fejn gew kjamati fil-kawza Nazzareno Xuereb, David Xuereb, Loreta Azzopardi u Stephen Xuereb.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine Dottor Chris Said li eccepixxa illi:

“1. Illi huwa mhuwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba.

“2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut nomine minnu mahlufa.

“Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti li biha eccepew illi:

"1. Illi din il-kawza si tratta mil-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri tal-kontendenti Wenzu Xuereb illi miet fis-6 ta' Lulju 1987; u Carmela Xuereb illi mietet fid-19 ta' Frar, 1999. L-atturi naqsu illi jgibu prova illi l-assi ereditarji illi taghhom qed tintalab id-divizjoni gew inkluzi fid-denunzja ta' Wenzu Xuereb, u fid-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* ta' Carmela Xuereb. Ghaldaqstant fit-termini tal-Artikolu 63 tal-Kap. 364 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-proceduri ghandhom jitwaqqfu *ipso jure* sakemm l-atturi ma jressqux il-prova illi dawn il-prattiki necessarji effettivament saru.

"2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti annessa ma' din in-nota tal-eccezzjonijiet.

"Rat is-sentenza preliminari taghha tal-4 ta' April 2006 fuq l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar in-nuqqas tal-atturi li jiddenunzjaw il-fond imsemmi fil-legat in kwistjoni ghal fini tal-Kap. 364.

"Rat in-noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

"Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

"Ikkunsidrat:

"Permezz tal-kawza prezenti l-atturi qed jitolbu r-rivendika tan-nofs indiviz u cioe` sehem missierhom mill-fond maghruf bhala "Xuereb House", Triq il-Gnien, Ghajnsielem, Ghawdex, bl-oggetti kollha mobbli *a limine intus* minghand ohthom Eugenia Buttigieg. Din da parti taghha kienet xtratu minghand ohtha Filomena Buttigieg li kien gie lilha mholli bi prelegat minn missierha bit-testment tieghu tat-2 ta' Gunju 1987. L-atturi jikkontendu illi dan il-prelegat tilef il-validita` tieghu billi din Filomena Buttigieg qatt ma daret b'ommha wara l-mewt ta' missier il-kontendenti, kundizzjoni li mieghu kien marbut dan il-prelegat.

"Apparti l-eccezzjoni ulterjuri gia` deciza, hemm ukoll eccezzjoni ohra ta' natura preliminari dwar in-nuqqas ta' integrita` tal-gudizzju. Imma dan gie sanat bil-kjamata fil-kawza tal-eredi l-ohra tal-mejjet Lorenzo Xuereb, haga li l-konvenuti ma opponewx ghaliha[1], biex b'hekk illum hemm il-werrieta kollha tal-imsemmi Lorenzo Xuereb fil-kawza.

"Fil-mertu mbaghad jirrizulta illi bit-testment *unica carta* taghhom tat-2 ta' Gunju 1987 il-konjugi Lorenzo u Carmela Xuereb, genituri tal-kontendenti, kienu hallew prelegat a favur ta' binthom Filomena tad-"*dar b'garage maghha f'Garden Street, Ghajnsielem, Gozo, jisimha "Xuereb House" bl-oggetti kollha mobbli 'a limine intus' inkluz oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus kontanti u dan bil-patt illi tibqa' tirrendilhom dawk is-servigi, kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom*[2]*."* Kulhadd jaqbel illi dawn is-servigi gew rezi fedelment mat-testatur sakemm miet. Gara pero` illi xi tliet snin wara, il-konvenuta Filomena llum Buttigieg, giet biex tizzewweg u kienet ser tistabilixxi r-residenza taghha fl-Awstralja. Billi ghalhekk ma setghetx tkompli tonera l-obbigu li kellha b'dan it-testment li tibqa' ddur b'ommha sal-mewt, lahqet ftehim ma' ohtha, il-konvenuta l-ohra Eugenia Buttigieg, biex tibda ddur b'ommha minflokha. Biex tigi kkumpensata ta' dak li issa kienet ser taghmel maghha bintha Eugenia, Carmela Xuereb, ghamlet testment iehor fejn irrevokat il-prelegat li kienet halliet lil Filomena u minflok halliet sehemha mill-fond in kwistjoni lil Eugenia[3]. L-atturi jippretendu illi gialadarba l-konvenuta Filomena Buttigieg ma wettqitx l-obbligi kollha taghha skond dik id-dispozizzjoni testamentarja tal-genituri taghha, dan il-legat tilef l-effett tieghu u sehem missierhom minn dan il-fond ghandu jaqa' f'idejhom bhala ko-eredi tieghu.

"Apparti l-fatt illi l-atturi zgur li ma jistax ikollhom ragun fil-pretensjoni taghhom illi sehem missierhom minn dan il-fond ghandu jaqa' kollu fuqhom, billi skond it-testment tieghu maghmul flimkien ma' martu fl-1971, eredi kien

[1] Ara digriet ta' din il-Qorti tat-28.5.2002 u visto tal-konvenuti tal-istess data
[2] Dok D anness mac-citazzjoni a fol. 10 - 11 tal-process (Art. II tat-testment)
[3] Dok. E anness mac-citazzjoni a fol. 12 -13 (Art. II tat-testment)

hemm it-tmien ahwa u mhux biss l-atturi biss[4], irid issa jigi determinat jekk dan il-prelegat tassew tilifx l-effetti tieghu bil-konsegwenzi kollha li dan jista' jgib mieghu, inkluz allura r-revoka tal-kuntratt li bih Filomena Buttigieg kienet assenjat dan is-sehem lil ohtha Eugenia b'titolu ta' permuta[5], kif qed isostnu l-atturi.

"Il-kontendenti jaqblu illi l-impost fuq il-legatarja li ddur bit-testaturi sal-mewt tas-superstiti fosthom kien wiehed ta' *modus* u mhux ta' *condizione*[6]*.* Sentenza mportanti li spjegat sewwa x'effetti jista' jkollu dan il-*modus* fuq legat testamentarju kienet dik moghtija mill-Imhallef Dr. J. Caruana Colombo fit-28 ta' Mejju 1958 fil-kawza: **Francesca Saveria sive Saverina Muscat v. Bice Borg noe. et** ccitata mill-atturi fin-nota tal-Osservazzjonijiet taghhom, liema kawza wkoll kienet tittratta kaz fejn kien gie mholli legat remuneratorju, bil-kondizzjoni li l-legatarja tibqa' ddur bit-testatrici sal-mewt[7]. Wara li ghamlet referenza ghal sentenza ohra tal-Prim Awla fejn id-differenza markata li hemm bejn "*la condizione*" u "*il modo*", kif ukoll ir-regoli li l-interpreti ddettaw biex jiddeterminaw jekk dispozizzjoni hijiex modali jew kundizzjonali, gew zvolti bl-aktar mod car[8], il-Qorti ziedet illi:

*“"il-'modus' mhux hag'ohra hlief obbligazzjoni accessorja ghal kuntratt ta' indoli gratuwita, li tigi mposta lill-persuna gratifikata. Minghajr dan il-'modus', il-kuntratt ikun perfettament gratuwitu, u jsir liberalita`. Il-'modus' inaqqas il-beneficcju tal-persuna gratifikata u jirrendi l-kuntratt imperfettament oneruz. Ghalhekk, il-'modus' hu koncepibbli biss fid-donazzjonijiet u fil-liberalitajiet testamentarji, jew almenu f'dawk il-kuntratti li, ghalkemm apparentement korrispettivi, jikkontjenu pero` tahlita ta' liberalita`, u fil-limiti ta' din il-liberalita` l-att hu kapaci li jkun sottopost ghall-piz, ghal 'onus', jigifieri ghal 'modus';*

[4] Ara Art. III tat-testment a fol. 8 - 9 tal-process
[5] Dok. G a fol. 25 - 27 tal-process
[6] aAa Noti tal-Osservazzzjonijiet rispettivi taghhom a fol. 177 u 184 tal-process
[7] Kollez. Vol. XLII pt. ii p. 1055 *et. seq.*
[8] Debono v. Borg : 19.06.1951 .

*“Il-'modus' jiddiferixxi mill-'conditio' (1) ghaliex 'la condizione' qatt ma ghandha effikacja koercittiva, imma merament effett sospensiv jew rizoluttiv, waqt li l-'modo' jipproduci effett koercittiv, u mhux sospensiv; il-persuna gratifikata takkwista mill-ewwel il-proprjeta` mhollija lilha u dan minghajr ma toqghod tistenna l-adempiment tal-'modus', imma hija tkun tista' tigi mgieghla tesegwixxi l-'modus', jekk hija tkun accettat il-liberalita`; (2) ghaliex, jekk 'la condizione' hi imposibbli jew illecita,* ***vitaitur et vitiat****, u waqt li, jekk il-modo hu imposibbli jew illecitu, ikun null fih stess, imma ma jassoggettax ghal nullita` l-liberalita` li ghaliha jaccedi, jigifieri* ***'vitiatur tantum'***." Gie mbaghad enfasizzat illi: "… ***jinghad li fid-dispozizzjonijiet modali … hi ammessa largament kwlaunkwe raguni ta' skuza; fis-sens li, jekk il-gratifikat ma jadempix il-'modus' ghal xi raguni tajba li ma tiddimostrax dolo jew kolpa, l-istess gratifikat ma jiddekadix mil-liberalita`*** (vol. XXXIII. II. 97; XX. II. 496)."

“Fil-kaz taghna l-atturi qeghdin isostnu illi l-konvenuta Filomena Buttigieg ma kelliex raguni valida biex tahrab mill-obbligi imposti fuqha bil-prelegat in kwistjoni, u dan igib il-konsegwenza illi hija ddekadiet minnu. Jikkontendu illi l-fatt li marret toqghod l-Awstralja hekk kif izzewget ma kienitx xi raguni li ma kellhiex kontroll fuqha u li minhabba fiha giet fl-impossibbilita` li twettaq dan l-obbligu.

“Imma rrizulta ampjament mill-provi prodotti illi Filomena Buttigieg qabel ma siefret ghamlet dak kollu necessarju biex tara li ommha ma kienitx ser tkun abbandunata u ghalhekk ftehmet ma' ohtha Eugenia biex tibda ddur b'ommha minflokha. Ta' dan mhux talli kienet lesta li ccedi sehem ommha mill-fond in kwistjoni lil din ohtha, imma biex zgur ohtha tkun giet ikkumpensata sewwa ta' dak li kienet ser taghmel ma ommha, accettat li tghaddilha wkoll is-sehem li kienet gia` wirtet minghand missierha. Biex jintlahaq dan il-ghan Carmela Xuereb biddlet it-testment taghha biex sehemha minn "Xuereb House" jaqa' fuq Eugenia Buttigieg[9], u fl-istess jum dehret ukoll fuq il-kuntratt ta' *permuta* f'isem bintha Filomena, li kienet gia`

[9] Ara testment taghha tal-14.5.1991 (Art. II ) Dok. F a fol. 12 -13 tal-process

imsiefra, biex din tibdel ma’ Eugenia s-sehem li kien thalla lilha minn missierha bit-testment *unica carta* tieghu tal-1987 ma' sehem indiviz minn fondi ohra li kienu thallew lil Eugenia minn missierha bl-istess testment, u dan biex jigi accertat li Eugenia tispicca l-proprjetarja unika tad-dar residenzjali tal-genituri taghha[10].

“Tant jidher illi l-omm kienet kuntenta b'dan il-ftehim li kienet hi stess li dehret ghal bintha Filomena fuq dak il-kuntratt ta' *permuta*, biex b'hekk giet li minn jeddha rrinunzjat ghad-dritt li tinsisti li Filomena Buttigieg tibqa' sserviha sal-mewt, filwaqt illi rrikonoxxiet illi din kien gia` jisthoqilha tippercepixxi s-sehem minn dan il-legat li kien gie mholli lilha minn missierha.

“F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jistax jinghad illi kien hemm xi *dolus* jew *culpa* f'dak li ghamlet Filomena Buttigieg. Is-servigi lill-missierha rrendithomlu sal-mewt u lil ommha baqghet iddur biha wkoll sakemm giet biex tizzewweg u ssiefer tliet snin wara. Certament la ttradiet jew dahqet bil-genituri taghha u lanqas ittraskurathom kopriccjozament, anzi ghamlet minn kollox biex tara’ li l-ommha thalliha sew fl-assenza taghha minn dawn il-gzejjer.

“Barra minn hekk b'dak li jippretendu l-atturi tinholoq ingustizzja kbira ma' din il-konvenuta. Dan ghaliex kemm-il darba sehem il-missiser mill-post imholli lilha bil-prelegat in kwistjoni jaqa' fuq l-eredi, din tispicca minghajr ebda kumpens ghal dak kollu li lahqet ghamlet mal-genituri taghha sa meta giet biex issiefer lejn l-Awstralja, haga li zgur qatt ma setghet kienet l-intenzjoni tat-testaturi.

“Ghal dawn il-motivi, billi ma giex ippruvat sodisfacentement illi kien hemm xi *dolus* jew *cupla* fil-konvenuta Filomena Buttigieg meta din ma wettqitx ghal kollox il-*modus* impost bil-prelegat imholli lilha mill-genituri taghha bit-testment *unica carta* taghhom tat-2 ta' Gunju 1987, it-talbiet attrici ma jistghux jirnexxu. Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-

[10] Ara kuntratt ta' permuta tal-14.5.1991 Dok. G a fol. 25 - 27 tal-process

konvenuti fuq il-mertu, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghhom, apparti dawk tas-sentenza preliminari taghha tal-4 ta' April 2006 li jkunu a karigu tal-konvenuti."

**Rikors tal-appell tal-atturi Joseph Xuereb u Maria Borg**

**3.** L-atturi hassew ruhhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u interponew appell minnha. L-aggravji taghhom huma in succint dawn:

(1) Il-testment tat-2 ta' Gunju 1987 ghal dak li jirrigwarda l-prelegat kien wiehed car u marbut mal-persuna unika u fizika tal-appellata Filomena Buttigieg li ma setghetx tonora l-patt indikat fl-istess testment peress li zzewget u emigrat minn Malta.

(2) Kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-ewwel Qorti, it-testment si trattava ta' kundizzjoni u mhux modalita`. It-testaturi ghamluha cara li l-prelegat jigi liberat "*bil-patt illi tibqa' tirrendilhom dawk is-servigi kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom*".

(3) Anke jekk l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li kien hemm modalita` u mhux kundizzjoni, xorta hemm pruvat sodisfacentement il-prezenza tad-*dolus* u *culpa* tal-appellata Filomena Buttigieg.

(4) L-att tat-trasferiment tas-sehem Filomena Buttigieg mill-prelegat ghal fuq l-appellata l-ohra Eugenia Buttigieg, ladarba ma kienx jissodisfa x-xewqa tat-testaturi fit-testment tat-2 ta' Gunju 1987 kellu jitqies bhala wiehed null.

(5) Il-kontinwazzjoni tas-servigi li l-appellata Filomena Buttigieg kellha tirrendi lill-genituri taghha sal-mewt ma kienitx wahda li saret impossibbli minhabba xi fatt indipendenti mill-volonta` taghha u allura ma setghet qatt tibbenifika minn dak il-prelegat, li per konsegwenza ghandu jivvesta f'idejn l-eredi, dan certament ghall-parti tal-missier, Wenzu Xuereb.

(6) Li kieku Wenzu Xuereb ried ihalli prelegat lil bintu Filomena kien jghidu fit-testment. Il-legat tilef l-effett tieghu ladabra Filomena Buttigieg ma wettqitx l-obbligi kollha taghha skond id-dispozizzjoni testamentarja tal-genituri taghha, in partikolari ta' missierha, u ghalhekk sehem il-missier mill-fond "Xuereb House" fi Triq il-Gnien, Ghajnsielem bl-oggetti kollha mobbli ghandu jaqa' f'idejn l-appellanti fis-sehem taghhom bhala ko-eredi tal-mejjet Wenzu Xuereb.

**<u>Risposta tal-Appell tal-konvenuti Eugenia Buttigieg u Carmelo Buttigieg li b'digriet tat-13 ta' Mejju 1999 gie mahtur kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefra Filomena sive Phyllis mart Sammy Buttigieg</u>**

**4.** L-appellati jirrimarkaw li ghalkemm l-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom jargumentaw li l-patt stipulat fit-testment huwa pjuttost wiehed ta' natura ta' kondizzjoni milli ta' modalita`, huma stess quddiem l-ewwel Qorti kienu qablu li l-impost kellu min-natura ta' *modus* u mhux ta' *condizione*.

**5.** Dwar l-argument tal-appellanti li Filomena ghandha titqies li agixxiet b'*dolus* jew *culpa,* l-appellati jinsistu li dan mhu veru xejn. Jaccennaw ghall-fatt li hija qaghdet attenta li ma thallix lil ommha fil-bzonn u waslet f'arrangament ma' ommha u ohtha Eugenia permezz ta' liema din tal-ahhar kienet se tassumi l-obbligu li ddur bl-omm matul hajjitha. Jaccennaw ukoll ghall-fatt li l-omm kienet kuntenta b'dan l-arrangament.

**6.** L-appellati jissottomettu li l-ewwel Qorti kienet korrettissima meta ddecidiet li Filomena Buttigieg ma kienet hatja tal-ebda *dolus* jew *culpa* fil-konfront tal-omm, u li kwindi l-liberalita` ordnata favur taghha minn missierha Lorenza Xuereb ghandha tibqa' fis-sehh fl-intier taghha.

**7.** Fil-fehma tal-appellati, din il-kawza mhix hlief attentat da parti tal-appellanti odjerni biex b'mod jew iehor jibbenefikaw b'mod ingust u kontra l-volonta` tal-genituri taghhom.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>**

<u>Sfond tal-kawza</u>

**8.** It-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* tal-konjugi Lorenzo u Carmela Xuereb datat 2 ta’ Gunju 1987 jiddisponi hekk:

*“Ihallu bi prelegat lil binthom Filomena d-dar b’garage maghha f’Garden Street, Ghajnsielem, Gozo, jisimha “Xuereb House”, bl-oggetti kollha mobbli “a limine litis” inkluzi oggetti tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz u flus kontanti u dan bil-patt illi tibqa’ tirrendilhom dawk is-servigi kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom”.*

**9.** Lorenzo Xuereb miet xahar wara, fis-6 ta’ Lulju 1987 u Filomena daret bih sakemm miet. Tliet snin wara l-mewt ta’ missierha, fil-5 ta’ Awwissu 1990, hija zzewget u wara z-zwieg emigrat lejn l-Awstralja. F’dawk it-tliet snin baqghet iddur b’ommha izda imbaghad lahqet ftehim ma’ ohtha Eugenia Buttigieg sabiex tibda’ ddur hija b’ommha minflokha, peress li ma kienitx ser tibqa’ Malta.

**10.** L-omm, Carmela Xuereb, permezz ta’ testment iehor datat 14 ta’ Mejju 1991, hassret it-Tieni Artikolu tat-testment *unica charta* tat-2 ta’ Gunju 1987 ghal dak li jirrigwarda n-nofs indiviz taghha b’mod li sehemha mill-fond in kwistjoni hallietu issa lil bintha l-ohra, Eugenia Buttigieg. Fl-istess gurnata l-omm dehret ukoll fuq kuntratt ta’ permuta f’isem l-imsiefra Filomena biex hija tibdel ma’ Eugenia s-sehem li kien thalla lilha minn missierha bit-testment unica carta tal-1987 ma’ sehem indiviz minn fondi ohra li kienu thallew lil Eugenia minn missierha bl-istess testment. B’hekk Eugenia tispicca biex ikollha l-proprjeta` kollha tad-dar tal-ġenituri taghha.

<u>L-ewwel aggravju</u>

**11.** L-appellanti fl-ewwel aggravju taghhom jishqu fuq il-fatt li t-testment tat-2 ta’ Gunju 1987 ghal dak li jirrigwarda l-prelegat a favur ta’ Filomena Buttigieg kien wiehed

marbut mal-persuna unika u fizika tal-istess Filomena Buttigieg, li ma setghetx tonora l-“patt” indikat fl-istess testment peress li zzewget u telqet tghix barra minn Malta. Huma jikkontendu li l-prelegat tilef il-validita` tieghu billi Filomena ma baqghetx iddur b’ommha wara l-mewt ta’ missierhom.

**12.** Jidher li l-iskop ewlieni tat-Tieni Artikolu tat-testment tal-1987 kien biex t-testaturi jassiguraw ruhhom li ser ikollhom persuna li ddur bihom u tiehu hsiebhom tul hajjithom; dan l-Artikolu jirrigwarda primarjament l-interessi tat-testaturi. Il-prelegat favur din il-persuna hallewh biex jikkompensaw lil tali persuna tal-oneri imposti fuqha. Huma riedu li d-dar residenzjali taghhom tispicca ghand dik il-persuna li tkun irrenditilhom servigi, kuri u assistenzi fl-ahhar ta’ hajjithom. F’dan il-kaz il-persuna kienet binthom Filomena.

**13.** Gara li ghalkemm Filomena hadet hsiebhom sal-mewt tal-missier, l-affarijiet inbiddlu xi zmien wara meta din telqet minn Malta. Sussegwentement dahlet fix-xena ohtha Eugenia u bdiet tiehu hsieb l-omm hi. Ghalhekk permezz tat-testment tal-1991 l-omm, Carmela Xuereb, iddisponiet mis-sehem taghha mid-dar residenzjali (nofs indiviz) mod iehor minn kif stipulat fit-testment unica carta tal-1987.

**14.** L-atturi appellanti jargumentaw li Filomena qatt ma kellha xi jedd fuq dak in-nofs indiviz li kellu missierhom u li dan ghalhekk jappartjeni lill-eredi kollha. Fil-fehma tal-Qorti, pero`, li n-nofs indiviz tal-missier jinqasam bejn l-ahwa kollha, kif qed jippretendu l-atturi appellanti, imur kontra l-ispirtu tat-Tieni Artikolu tat-testment. Il-konjugi Xuereb riedu li d-dar residenzjali taghhom tmur ghand dik il-persuna li ddur bihom. Tant hu hekk li l-omm, fir-rigward tan-nofs indiviz taghha mill-fond in kwistjoni, ghamlet testment iehor li permezz tieghu irrevokat il-prelegat li kienet halliet lil Filomena u minflok hallietu lil Eugenia, u dan precizament ghaliex issa kienet ser tkun Eugenia dik il-persuna li kienet se ddur biha ladarba Filomena emigrat lejn l-Awstralja.

**15.** Wiehed irid izomm f'rasu li d-dar residenzjali, ghalkemm imhollija lil Filomena kienet intiza bhala kumpens ghal servigi rezi lilhom sal-mewt u certament ma kienitx ix-xewqa tal-missier li s-sehem tieghu minn din id-dar jinqasam f'tmien partijiet (kif qed jippretendu l-atturi appellanti) u jgawdu minnu dawk l-eredi li qatt ma rrendew servigi.

**16.** L-ewwel aggravju huwa ghalhekk infondat.

<u>It-tieni aggravju</u>

**17.** Minkejja li fic-citazzjoni l-atturi jinsistu li l-prelegat imholli lil Filomena permezz tat-testment tat-2 ta' Gunju 1987 kien mghobbi b'<u>kundizzjoni</u>[11], fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom huma fil-fatt accettaw li l-impost fuq il-legatarja li ddur bit-testaturi sal-mewt kien wiehed ta' <u>modalita</u>`[12].

[11] Fil-premessi jghidu hekk:

> *"Illi dan il-legat gie imholli bil-<u>kundizzjoni</u> espressa illi l-imsemmija Filomena Buttigieg kellha tibqa' tirrendi liz-zewg testaturi dawk is-servigi, kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom".* (sottolinejar tal-Qorti)

Fl-ewwel talba jitolbu hekk:

> "*Fl-ewwel lok tiddikjara illi l-<u>kundizzjoni</u> li ghalih kien soggett il-prelegat imholli minn Wenzu Xuereb permezz tat-testment tat-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987) lil Filomena sive Phillis mart Sammy Buttigieg u cioe` n-nofs indiviz tad-dar b'garaxx maghha, illi jisimha 'Xuereb House', fi Triq il-Gnien Ghajnsielem, Ghawdex, bl-oggetti kollha mobbli 'a limine intus' inkluzi ghalhekk oggetti tad-deheb, fidda, u hagar prezzjuz u flus kontanti, ma gietx imwettqa minn Filomena Buttigieg (kif spjegat fil-premessi) u ghalhekk l-imsemmija konvenuta Filomena Buttigieg ma setghet qatt tibbenefika minn dak il-prelegat, li konsegwentement vesta f'idejn l-eredi".* (sottolinejar tal-Qorti)

[12] *"Jidher li l-Qrati taghna dejjem ikkunsidraw obbligu simili li jikkwalifika bhala modus u mhux bhala kundizzjoni. Ghalhekk l-esponenti dispost jikoncedi illi dan l-impost fuq il-legatarja kien wiehed ta' modus li fil-kwalita` legali tieghu huwa anqas oneruz minn kundizzjoni."*

**18.** Nonostante dan l-argument fin-nota tas-sottomissjonijiet taghhom, l-appellanti fit-tieni aggravju tal-appell taghhom jergghu jinsistu li "*hawnhekk si tratta ta' kundizzjoni cara*" u mhux modalita`, u jaccennaw ghall-fatt li t-testment fih il-kliem: "*bil-patt illi tibqa' tirrendilhom dawk is-servigi kuri u assistenzi kollha li jkollhom bzonn sal-mewt tas-superstiti fosthom*".

**19.** Din il-Qorti fuq dan il-punt taghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Giuseppe Debono et v. Giuseppa Borg et** fid-19 ta' Gunju 1951. F'din il-kawza il-Qorti rriteniet "*Illi l-kelma "kondizzjoni" adoperata f'dispozizzjoni tal-ahhar volonta` ma tikkwalifikax "per sè" assolutament disposizzjoni bhala necessarjament kundizzjonali. Tabilhaqq, il-kundizzjonijiet jigu konfuzi mal-karigi jew oneri li t-testaturi jimponu, b'mod li t-terminu "kondizzjoni" jkun hafna drabi ekwivoku*".

**20.** Il-Qorti f'din il-kawza ssottolineat l-importanza tad-distinzjoni bejn "*conditio*" u "*modus*" u spjegat li filwaqt li l-kundizzjoni hija l-kaz ta' avveniment futur u incert li minnu tiddependi s-sussistenza ta' att jew dritt, il-"*modus*" skond id-Dritt Ruman huwa l-fini jew skop assenjat lil-legat mit-testatur. Kompliet tispjega li l-interpreti, sabiex jiddeterminaw jekk dispozizzjoni hijiex modali jew kundizzjonali jiddettaw zewg regoli ta' natura u speci diversa:

(1) regoli fondati fuq l-iskop li l-kontraenti jkunu wrew li kellhom f'rashom u pproponew, u

(2) regoli pogguti u bazati fuq l-espressjonijiet, dicitura u termini li jkunu gew impjegati minn min tkun giet iddettata d-dispozizzjoni.

**21.** Fir-rigward tal-ewwel speci, hija spjegat li sabiex dispozizzjoni tkun tista' tinghad li hija ta' karattru modali, skond id-dottrina hu rikjest li l-karigu jew "*onus*" impost lil xi parti ma jkunx jirrigwarda l-interess taghha proprju (tal-persuna gravata) izda dak tal-persuna li tkun imponiet il-karigu, jew li jkun jirrigwarda l-interess ta' terza persuna.

**22.** Fir-rigward tat-tieni speci, kompliet tghid il-Qorti, l-awturi jsemmu d-diversi lokuzzjonijiet u kliem. L-iktar importanti huma l-particella fl-ilsien Taljan "*se*" ekwivalenti ghall-kelma "jekk" fl-ilsien Malti, "*nel caso che*" (fl-kaz li), "*in mancanza di*" (fin-nuqqas li). Dawn juru li hemm kundizzjoni. Mill-banda l-ohra giet ritenut li kliem bhal "bil-kondizzjoni li", u "bil-patt li" ma jesprimux hlief "*modus*" (kif diga` ntqal fuq, il-kelma "patt" jew "kundizzjoni" ma tfissirx li d-dispozizzjoni hija fil-fatt wahda kundizzjonali).

**23.** Applikat dan l-insenjament ghall-kaz in kwistjoni, din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni li waslet l-ewwel Qorti: li d-dispozizzjoni kontenuta fit-Tieni Artikolu tat-testment tal-1987 mhix wahda kondizzjonali ghaliex: (1) fl-ewwel lok it-tieni Artikolu tat-testment ghandu bhala skop l-interess tat-testaturi u mhux ta' Filomena; u (2) fit-tieni lok, id-dicitura ("bil-patt li") tikklassifika d-dispozizzjoni bhala wahda modali.

**24.** It-tieni aggravju ghalhekk huwa wiehed infondat.

<u>It-tielet aggravju</u>

**25.** L-appellanti jsostnu li anke jekk l-ewwel Qorti rriteniet li ma kienx hemm kundizzjoni, imma modalita`, kellha tikkonkludi li xorta hemm pruvat sodisfacentement il-prezenza tad-*dolus* u *culpa* fir-rigward ta' Filomena Buttigieg peress li din injorat l-obbligu li ddur bit-testaturi sal-mewt.

**26.** Dan il-punt diga` kkunsidratu ezawrjentement l-ewwel Qorti u hija eskludiet li fil-fatt kien hemm *dolus* u *culpa* min-naha ta' Filomena. Hija accennat ghall-fatt li s-servigi lil missierha rrendithomlu sal-mewt u lil ommha baqghet iddur biha sakemm giet biex tizzewweg u ssiefer. Kif osservat l-ewwel Qorti hija "*la ttradiet jew dahqet bil-genituri taghha, u lanqas ittraskurathom kappriccozament, anzi ghamlet minn kollox biex tara li l-ommha thallilha sew fl-assenza taghha minn dawn il-gzejjer*".

**27.** Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-ewwel grad kienet korretta meta ddecidiet li Filomena Buttigieg ma kienet hatja ta' ebda *dolus* jew *culpa* fil-konfront tal-genituri taghha u ghalhekk issib li t-tielet aggravju huwa infondat ukoll.

Ir-raba' aggravju

**28.** L-appellanti jsostnu li l-att tat-trasferiment ta' sehem Filomena mill- prelegat ghal fuq ohtha Eugenia ma kienitx ix-xewqa tat-testaturi fit-testment tal-1987 u ghalhekk kellu jitqies bhala wiehed null.

**29.** Ladarba gie stabblit li Filomena ma ddekadietx mill-prelegat, din il-Qorti ma tarax ghaliex it-trasferiment fir-rigward tas-sehem tal-missier ma setax isir. X'jaghmlu l-legatarji bil-legati li jakkwistaw hija affari taghhom, irrispettivament minn x'kienet ix-xewqa tat-testatur fiz-zmien li huwa jaghmel it-testment.

Il-hames aggravju

**30.** L-appellanti jargumentaw li l-kontinwazzjoni tas-servigi li Filomena Buttigieg kellha taghmel lill-genituri taghha sal-mewt ma kienx wiehed li sar impossibbli minhabba xi fatt indipendenti mill-volonta` taghha, u ghalhekk gialadarba l-patt kif indikat fit-testment ma giex imwettaq, hija ma setghet qatt tibbenefika mill-prelegat li per konsegwenza ghandu jivvesta f'idejn l-eredi, "*dan certament ghall-parti tal-missier, il-mejjet Wenzu Xuereb*".

**31.** Kif diga` gie spjegat, hawnhekk non si tratta ta' kundizzjoni, minkejja l-kelma "patt" fit-testment, izda ta' modalita`. U ladarba ma gie ppruvat l-ebda *dolus* jew *culpa* da parti ta' Filomena Buttigieg fir-rigward tal-fatt li ma baqghetx tiehu hsieb ommha, il-prelegat fir-rigward tas-sehem tal-missier jibqa' validu fir-rigward taghha.

**32.** Kif spjegat l-ewwel Qorti meta ccitat mis-sentenza **Muscat v. Borg**, fid-dispozizzjonijiet modali hija ammessa largament kwalunkwe raguni ta' skuza sakemm ir-raguni ma tiddimostrax dolo jew kolpa. Il-fatt li Filomena kellha temigra minn Malta meta giet biex tiehu l-istat taghha,

certament li ma jiddimostrax dolo jew kolpa u ghalhekk din il-Qorti ma tarax ghalfejn Filomena ghandha tiddekadi mill-prelegat fir-rigward tal-parti tal-missier.

Is-sitt aggravju

**33.** L-appellanti jargumentaw li zgur li ma kienitx ix-xewqa ta' missierhom li l-prelegat jithalla lil bintu Eugenia ghaliex li kieku ried jaghmel hekk kien jghidu fit-testment. Bl-istess ragjonament wiehed jista' allura jargumenta li zgur li ma kienitx ix-xewqa tal-missier l-alternattiva l-ohra, u cioe` li s-sehem tieghu mid-dar tinqasam bejn it-tmien eredi u jispicca jgawdi min qatt ma ppresta servigi lilu jew lil martu.

**34.** F'dan l-aggravju l-appellanti jergghu jargumentaw li l-legat tilef l-effett tieghu ladarba l-persuna unika ta' Filomena Buttigieg ma wettqitx l-obbligi taghha skond id-dispozizzjoni testamentarja tal-genituri taghha, in partikolari ta' missierha, u jergghu jinsistu li ghalhekk is-sehem tal-missier ghandu jaqa' f'idejhom fis-sehem taghhom bhala ko-eredi ta' missierhom. Din il-Qorti ghalhekk, wara li terga' taccenna ghall-fatt li hawnhekk si tratta ta' modalita` u mhux ta' kundizzjoni, ghal darba ohra terga' tirreferi ghall-konkluzjonijet taghha fir-rigward tal-ewwel aggravju.

**Decide**

**35.** In vista tal-fatt li s-sitt aggravji tal-appellanti huma kollha infondati, din il-Qorti qed tichad l-appell interpost minnhom u qeghda tikkonferma ghalhekk is-sentenza appellata kif moghtija. L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------